KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 34

18 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 34

34.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 33 – 9;
34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
34.5 Komunikazzjoni;
34.6 Laqgħa Annwali Pubblika;
34.7 Post ta’ Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11);
34.8 Ħatra tal-bord – Vakanza – Steward għat-trattament Xieraq tal-Annimali;
34.9 Attivitajiet Milied 2021;
34.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
34.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 11/2021;
34.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kulħadd hu preżenti għal din il-laqgħa ghalhekk ma hawnx ittri ta' apoloġija.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 33 – 9

34.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 33 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta Nru. SNTLC 06/2021 Repaving and embellishment of Pjazza Santa Margerita nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2021 il-Kunsill irċieva mingħand il-Public Contracts Review Bord fejn irċevejna li l-Kuntrattur li kien ġie nfurmat li ġie awarded din l-offerta u li wara din l-offerta ġiet ikkanċellata daħħal appel fuq xi kriterji u li l-Kunsill kellu jwieġeb bl-Avukat u jibgħat id-dokumenti mitluba fil-ħin. Is-Sindku qara r-risposta tal-ittra mibgħuta mill-Avukat tal-Kunsill lil dan il-bord. Is-Sindku spjega din l-ittra u l-Kunsill iddiskuta. Il-Kunsill qabel ma dan u qed jistenna meta ser jiltaqa dan il-bord sabiex ikollu risposta fuq dan l-appell.

34.3.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li dwar il-monument tal-vittmi tal-gwerra peress li ż-żmien qed kontrina u kull ma għad fadal huwa ħdax il-xahar issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jara x'jista jgħamel minflok, peress li l-Kunsill ma għandux il-fondi neċessarji għal dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li biex jiġi nstallat monument fi triq trid ukoll il-permessi neċessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar u awtoritajiet oħra kompetenti. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista jsir biex jiġi mfakkar it-80 anniversarju minn meta ġrat din it-traġedja f'Ta' Sannat.

34.3.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-permessi tal-Artistic Impression bl-isem Ta' Sannat fil-junction, l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet il-permess meħtieġ u li dan jista jiġġedded peress li jiskadi f'Ottubru 2022. Il-Kunsill għandu joħroġ it-tender għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li din it-tender għandu joħroġ mill-fondi tax-xogħolijiet għall-pjazza.

34.3.4 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2021, fid-9.00 a.m. ser issir laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija fl-uffiċċju tal-Kunsill. Hu talab lill-Kunsillieri jekk għandhomx xi ilmenti jew suġġerimenti biex iressquhom waqt din il-laqgħa. Il-Kunsill talab li jiġu diskussi biex isir aktar patrol u enforcement fi Pjazzetta tax-Xelina. Is-Sindku semmha ukoll fuq talba tar-residenti u ndividwi li riċenti il-Kunsill kellu jikteb lil Pulizija dwar periklu minn struttura ta dar qadima fi Triq il-Kbira, dwar dan ġiet infurmata l-ERA mill-Pulizija. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni dwar il-one ways f'Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat

reminder lil-Transport Malta u tintalab laqgħa magħhom. Il-Kunsill qabel biex isir refreshment biż-żebgħa tas-sinjali tat-toroq.

34.3.5 Is-Sindku qal li saret laqgħa mall-Perit u l-Inġinier tal-Kunsill fejn ġie diskuss il-proġett innovattiv li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jwettaq għal ġibjun, parkeġġ u playing field fi Triq Marziena. Is-Sindku qal li dan il-proġett qed iqanqal interess kbir peress li huwa wieħed minn tal-ewwel ta din ix-xorti f'Għawdex u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitlob li ssir project proposal u l-istimi nvoluti għal dan il-għan biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jgħaddihom lil Ministri konċernati.

34.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li mpjegat mill-CWSEF fuq barra minn nhar l-Erbgħa 3 ta' Novembru 2021 ġie trasferit għal Kunsill ieħor, u b'hekk il-Kunsill spiċċa b'żewġ impjegati biss. Is-Sindku qal li talab lis-Segretarju Eżekuttiv fejn informa kemm lis-CEO tal-kumpanija u anke lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

34.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal The President's Fun Run li kellha ssir f'kull lokalita' f'Malta u Għawdex, f'Għawdex l-aktar li pparteċipaw kienu f'Għajnsielem, l-Għarb, Il-Munxar u f' Ta' Sannat u f'dawn il-lokalitajiet biss ser issir din il-mixja b'risq The Malta Community Chest Fund. Din ser issir nhar il-Ħadd li ġej, 21 ta' Novembru 2021. Is-Sindku qal li hu ta sodisfazzjoni kbir li r-residenti Ta' Sannat ikkonkorrew bi ħ[arhom għal din l-attivita' għalhekk intagħażlet il-lokalita' tagħna flimkien ma' tlieta oħra. Il-Kunsill iddeċieda li jiġi ordnat ftit sound biex tinħoloq aktar atmosfera għal waqt din l-attivita'.

34.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru sar inċident fejn intlaqtet u tqaċċtet siġra tal-ficus fi Triq il-Kbira quddiem hekk magħrufa bħala l-iskola l-qadima. Il-persuna li wetqet dan l-inċident infurmat lill-Pulizja b'dan u talbet lill-Kunsill biex tixtri siġar u jitħawlu madwar il-lokalita' minflok dik li tqaċtet. Il-Kunsill qabel li dawn is-siġar jitħawlu fil-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill qabel li dwar il-bankina biex tiġi rranġata bis-sistema tal-Works Request System.

34.3.9 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li bħalissa qed tingħata l-labra kontra l-influwenza staġjonali u li din qed tingħata fil-polyclinic tal-Belt Victoria u fil-klinka Ta' Kerċem. Hu qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jipprovdi transport biex dawk ir-residenti li jixtiequ jitlaqqmu minn dan il-vaċċin u ma għandhomx minn iwassalahom f'dawn il-kliniċi, jinfurmaw b'dan lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi transport minn u lejn il-klinika lir-residenti li għandhom 'l fuq minn 50 sena u li huma nteressati li jitlaqmu.

34.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġardinar fil-Ġnien tal-Bidwi nformana li dan il-ġnien għandu bżonn li jinħarat biex jinqered il-ħaxix ħażin li qed jikber. Il-Kunsill qabel li dan il-ġnien jinħarat.

34.3.11 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li mill-Cultural Heritage Directorate fi ħdan il-MGOZ ntalbet informazzjoni dwar statwi ta' persuni prominenti biex dawn jieħdu l-ħajja u jirrakkontaw ġrajjiethom b'investiment f'għodod diġitali u interattivi. Il-Kunsill infurmahom bil-monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri.

34.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadda l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa dwar On the Road Exhibition lil Cultural Heritage Directorate fuq il-wirja tanġibbli w intagibbli li sejrin itellgħu is-sena li ġejja 2022.

34.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bieraħ saret laqgħa ma' Servizzi Ewropej Malta biex nipreparaw applikazzjoni għal kontinwazzjoni tal-ġemellaġġ ma' Montefiascone fejn din id-darba jkunu rapreżentanti minn Ta' Sannat li jżuru Montefiascone.

34.3.14 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-W.S.C. kellu jqatta l-wiċċ ta' Triq Ta' Ċenċ fil-parti tan-nofs peress li dan l-aħħar saret ħsara kbira minn naħa tad-drenaġġ fejn ma kienx hemm kontroll fuqu. Is-Sindku kellem lill-Inġinier tal-W.S.C. dwar l-istat ta kif tħalliet din it-triq u li dan għandu jirranġa kif suppost. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikteb dwar dan, għaliex ix-xogħolijiet tar-reinstatement mhux qed isir kif inhu xieraq u rikjest. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

34.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

34.4.2 Il-Kunsillier Bajada staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar iċ-celebrazzjonijiet fl-okkazjoni tal-85 sena mit-twaqqif ta' Sannat Lions F.C. fejn il-Kunsill hu mitlub li jikkollabora fl-attivitajiet biex jipromwovi aktar dan l-isport fil-lokalita'. Is-Sindku qal li saru laqgħat apposta u qed jiġi mfassal l-programm.

## 34.5 Komunikazzjoni

34.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG dwar:

Ċirkulari 11/2021 – Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali
Ċirkulari Numru *SPI*/TW/8/2021 – Proċess ta' Ġemellaġġ minn Reġjun/Kunsill Lokali
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/9/2021 – Il-Proċess u finanzjment ta' Grant Schemes lill-Kunsilli Reġjonali / Lokali

34.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

18 ta' Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/105 – Tqassim tal-flokkijiet għall-Fun Run tal-President
20 ta' Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/106 – President's Fun Run 21/11/2021
27 ta' Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/107 – AKL Webinar – Info Session Sports u Attivitajiet Fiżiċi għall-Kunsilli Lokali 11/11/2021
25 ta' Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/108 – Ħinijet u żamma tal-Ordni waqt il-Fun Run tal-President
25 ta' Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/109 – Proposta Metro
28 ta' Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/110 – Cat Feeders
01 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/111 – World Town Planning Day Seminar
01 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/112 – AKL Webinar – Info Session Level Up Residents 'Fundamentals Through Education 24/11/2021
01 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/113 – L&M – Managing Resdients Experience & Customer Care – Mentor Aid Session 17/11/2021
03 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/114 – Update of Application – Active Ageing Community Care
04 ta' Novembru 2021 – Cir AKL 2021/115 – EUROPEANMOBILITYWEEK – EMAIL ADDRESS

05 ta’ Novembru 2021 – Cir AKL 2021/116 – Laqgħa ta’ konsultazzjoni fuq installazzjoni ta’ Charging pillars
05 ta’ Novembru 2021 – Cir AKL 2021/117 – Update on status of PA funding with Local Councils
12 ta’ Novembru 2021 – Cir AKL 2021/118 – Junior Science Club
12 ta’ Novembru 2021 – Cir AKL 2021/119 – Christmas Get together 11/12/2021
16 ta’ Novembru 2021 – Cir AKL 2021/120 – Fun Run Routes and Enforcement Officials

34.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

19 ta’ Ottubru 2021 – Re Festa ta’ Sant’ Ursola Patruna ta’ Għawdex
25 ta’ Ottubru 2021 – Laqgħa mal-Kunsilli Lokali mill-Ministru tal-Edukazzjoni nhar il-Ġimgħa, 29 ta’ Ottubru fl-4p.m. ġewwa s-Sala tal-Lukanda Kempinski San Lawrenz, San Lawrenz
25 ta’ Ottubru 2021 – Gentle Reminder – Re Pożizzjoni – Summer Break time – Gozo Tourist Area
26 ta’ Ottubru 2021 – Re Talba sabiex il-vaċċin tal-influenza jingħata fil-Lokalitiajiet rispettivi
26 ta’ Ottubru 2021 – Posposta – Laqgħa mal-Kunsilli Lokali mill-Ministru tal-Edukazzjoni ta’ nhar il-Ġimgħa, 29 ta’ Ottubru, 2021
26 ta’ Ottubru 2021 – Laqgħa mal-Kunsilli Lokali mill-Ministru tal-Edukazzjoni nhar il-Ġimgħa, 29 ta’ Ottubru fl-4p.m. ġewwa s-Sala tal-Lukanda Kempinski San Lawrenz, San Lawrenz
26 ta’ Ottubru 2021 – Re Ċelebrazzjoni ta’ Jum Għawdex 2021
28 ta’ Ottubru 2021 – Re Ikla ta’ Jum Għawdex 2021
29 ta’ Ottubru 2021 – Gentle Reminder – Laqgħa mal-Kunsilli Lokali mill-Ministeru tal-Edukazzjoni nhar il-Ġimgħa, 29 ta’ Ottubru fl-4p.m. ġewwa s-Sala tal-Lukanda Kempinski San Lawrenz, San Lawrenz.
01 ta’ Novembru 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 105 nhar il-Ġimgħa, 12 ta’ Novembru, 2021 fis-6.30p.m.
05 ta’ Novembru 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 105 nhar il-Ġimgħa, 12 ta’ Novembru, 2021 fis-6.30p.m.
11 ta’ Novembru 2021 – Re President’s Fun Run 21/11/2021
13 ta’ Novembru 2021 – Milied Solidali 2021 – Għoti ta’ Ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalita’
16 ta’ Novembru 2021 – Save the Date – Festin tal-Milied 2021

34.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

20 ta’ Ottubru 2021 – PA/07204/21 – To sanction construction of agricultural store. - Land at, Dahla tal-Gruwa, Sannat
20 ta’ Ottubru 2021 – PA/02035/21 – GTD – To excavate site and construct 29 apartments, 20 basement garages and pool. – Site at, Triq it-Tempju tal-Imramma and walkway off, Triq Ta’ Bebunaq, Sannat
20 ta’ Ottubru 2021 – PA/03038/21 – GTD – To sanction minor differences to approved plans from PA/3133/95, PA/6388/94, PA /6307/00. – Triq Ta’ Ċenċ, Triq Dun Luqa, Sannat
20 ta’ Ottubru 2021 – PA/03622/21 – GTD – To sanction addition of a residential unit to blocks approved in PA2510/17 and minor alterations to approved facade, plans, sections and alignment. – Triq il-Paranji, Sannat
20 ta’ Ottubru 2021 – PA/03625/21 – GTD – To carry out minor internal alterations, opening of window on facade and extend roof structure. – Triq il-Kbira, Sannat

20 ta' Ottubru 2021 – PA/05251/21 – GTD – Proposed alterations and additions to second, third, receded and roof levels to development approved in PA3043/21. – Triq Santa Marija, Sannat
20 ta' Ottubru 2021 – PA/07235/21 – To sanction change in layout of garage 1 from previously approved in PA2019/00. – Triq ix-Xabbata c/w Triq il-Paranji, Sannat
03 ta' Novembru 2021 – PA/07442/21 – To sanction addition of a pool and 1 parking space and alteration access to Flat , add pump room and mirror internal and external alterations to dwellings approved in PA1597/19. – Triq Ta' Xagħman, Sannat
03 ta' Novembru 2021 – PA/07468/21 – To construct ground floor garage with overlying flats. – Site at, Triq Ta' Xagħman, Sannat
03 ta' Novembru 2021 – PA/05389/21 – GTD – To sanction variations to development approved in PA/8393/17, consisting of internal layout at ground and first floors and proposed three flats at second, third and receded floor levels. – Triq Ta' Xagħman, Sannat
03 ta' Novembru 2021 – RG/00445/18 – GTD – To regularise existing dwelling as is. – Triq ix-Xabbata, Sannat, Gozo
03 ta' Novembru 2021 – PA/07514/21 – Internal alterations to existing dwelling, roofing over of terrace, demolition of small room and opening of apertures to link to adjacent dwelling. – Triq Sant' Adeodatu, Sannat
03 ta' Novembru 2021 – PA/07542/21 – To excavate site and construct garage, 2 apartments and washroom. – Triq Ras in-Newwiela, Sannat
03 ta' Novembru 2021 – PA/07693/21 – Construction of ground floor garages and eight overlying residential units. – Triq Ta' Xagħman, Sannat
10 ta' Novembru 2021 – RG/00491/21 – MO80 – To regularise garage no. 1 as bulit – Triq Pisoniano, Sannat
10 ta' Novembru 2021 – PA/06478/21 – GTD – To sanction apartment as built, with respect to the approved permit PA4356/05 – Triq Marsilja, Sannat
10 ta' Novembru 2021 – PA/04058/21 – GTD – Restoration of facade and replacement of apertures (Irrestawra Darek scheme) – GS/00639/19. To also carry out minor alterations at receded level. – Triq il-Kbira, Sannat
10 ta' Novembru 2021 – PA/06311/21 – To sanction minor internal alterations to exisiting first floor level from PB149/92 and to sanction additions at second floor level. Proposed extension to existing second floor level and to construct receded floor level within same unit and to install lift. – Triq Ta' Dun Luqa, Sannat
10 ta' Novembru 2021 – PA/07703/21 – To construct agricultural store and reservoir – Site off, Daħla tal-Gruwa, Sannat
10 ta' Novembru 2021 – Pa/07826/21 – To carry out internal and external alterations and to construct additons at first floor level and pool. – Sqaq fi, Triq Ta' Dun Luqa, Sannat

## 34.6 Laqgħa Annwali Pubblika

34.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li skond il-liġi tal-Gvern Lokali huwa fl-obbliġu li ssir laqgħa Annwali Pubblika sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru ta' kull sena fejn jiġi mfassal il-Budġet għas-sena ta' wara. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021, fl-4.30 p.m.

## 34.7 Post ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11)

34.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li Sergretarju Eżekuttiv talab l-għajnuna peress li fix-xogħol tal-amministrazzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill tinħass il-ħtieġa li jkun hawn post ta'

Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11). Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa interna għal dan il-post. Il-Kunsill qabel li l-bord għal intervista ser ikun kompost mis-Sindku - chariman, il-Viċi Sindku - membru u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju tal-bord.

## 34.8 Ħatra tal-bord – Vakanza – Steward għat-trattament Xieraq tal-Annimali

34.8.1 Is-Sindku qal li wara li ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għal Vakanza – Steward għat-trattament Xieraq tal-Annimali (Skema 2021-2022 mid-DLG), il-Kunsill irid jaħtar bord għal interviews. Il-Kunsill ħatar Chairperson lill-Kunsillier responsabbli mill-ħarsien tal-annimali s-Sur Steven Gauci, membru lis-Sur Mark Formosa u segretarju tal-bord lis-Sur William Sultana. Dawn l-interviews għandhom isiru fil-ġranet li ġejjin. L-applikanti se jiġu nfurmati b'dan minn qabel.

## 34.9 Attivitajiet Milied 2021

34.9.1 Is-Sindku qal li bħal ma kien isir ta' kull sena, il-Kunsill jgħamel żjara ta' kortezija lill-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali biex b'hekk nuru soledarjeta ma dawn il-persuni fil-lokalita' fi żmien il-Milied. Minħabba l-pandemija ta' Covid-19 dan ma sarx is-sena l-oħra. Il-Kunsill ddiskuta dan u qabel biex isir dan, din is-sena.

34.9.2 Is-Sindku qal li wara li ddiskuta mas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita bħas-sena l-oħra, nhar il-Milied se jerġa jorġanizza daqq ta' innijiet tal-Milied f'diversi toroq madwar il-lokalita. Il-Kunsill applika ma' Christmas in Gozo fi ħdan il-MGOZ u din it-talba ġiet milqugħa. Is-Soċjeta Mużikali Santa Margerita għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex dan ikun jista jseħħ.

34.9.3 Is-Sindku qal li kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa preċedenti din is-sena għandha ssir il-Christmas treat lil membri tal-NGO's li jinsabu fi ħdan din il-lokalita'. Il-Kunsill qabel li dan isir nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 2021.

34.9.4 Is-Sindku qal lill-Kunsill li fuq talba ta' residenti anzjani qed jiġi ssuġġerit li ssir ħarġa fi żminijiet tal-festi. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti meta din l-attivita' ser issir fix-xahar ta' Diċembru 2021.

34.9.5 Is-Sindku qal li hu qed jissuġġerixxi li ssir ħarġa soċjali u edukattiva għat-tfal nhar it-Tnejn 27 ta' Diċembru 2021. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

34.9.6 Is-Sindku ssuġġerrixxa u l-Kunsill qabel li ssir ikla għal membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2021.

## 34.10 Ilmenti u Suġġerimenti

34.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saritlu talba biex isiru double yellow lines Triq Vincenzo Caruana Spiteri fil-kantunieri kollha peress li t-trakkijiet tal-General Soft drinks mhux qed ikunu jistgħu jgħaddu faċilment meta jkun hemm karrozzi pparkjati. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil Transport Malta.

34.10.2 Is-Sindku semmha s-siġra li hemm fi Triq Dun Lazzru Camilleri biex din tiġi miżbura. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li saret talba lill-MGOZ bis-sistema tal-Works request System, li din ġiet approvata. Din għandha tiġi miżbura fil-jiem li ġejjin.

34.10.3 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi ilmenti jew suġġerimenti.

34.10.4 Il-Kunsillier Bajada qal li fi Triq tal-Gruwa kien hemm reflecter u li dan ma għadhux hemm. Is-Sindku qal li hemmhekk kien hemm mera. Il-Kunsillier Bajada qal li dawn ma għadhomx hemm. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jerġgħu jiġu nstallati. Il-Kunsill ssuġġerrixxa li jiżdied aktar dawl f'din it-triq. Is-Sindku qal li hu importanti l-ewwel jiġu nstallati bozoz ġodda fejn jgħixu r-residenti pero iva hu importanti ukoll. Il-Kunsill għandu jara fejn jista jinstalla dawn.

34.10.5 Is-Sindku qal lill-Kunsill li fi Triq Mġarr ix-Xini l-Ministeru għal Għawdex beda bix-xogħolijiet tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsillier Bajada staqsa fhiex waslu x-xogħolijiet fi triq ta' fuq f'tal-Gruwa. Is-Sindku qal li dawn ix-xogħolijiet il-kuntrattur għandu jirranġa fejn mhux sew wara li saret spezzjoni minnu u l-perit.

34.10.6 Il-Kunsill irċieva imjel bir-ritratti mingħand persuna fejn ilmenta rigward ħmieġ fi Triq Saguna u bank imkisser li qiegħed fil-kantuniera. Huwa talab li jiġu mwaħħla tabelli li jgħidu li hemm multi għal min iħammeġ. Is-Sindku qal li hemmhekk twaħħlu diversi signs biex jinżamm nadif.

34.10.7 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System*, biex jiġi rranġat ħajt mwaqqa fi Triq Mgarr ix-Xini, peress li huwa perikoluż. Is-Sindku qal li dan huwa wieħed mill-ħitan li ġġarraf bix-xita.

34.10.8 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System,* sabiex jerġgħu jinbnew xi ħitan li waqgħu bil-maltemp fi Triq Tal-Gruwa, peress li qed tinġarr il-ħamrija.

34.10.9 Il-Kunsill bagħat reminder lill-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System,* fejn fakkar rigward l-għajnuna li kien talab sabiex fi Triq Saguna kantuniera ma Triq Bebunaq quddiem binja ġdida li diġa saret il-bankina madwarha, jingħata t-tarmak biex titkompla u tiġi ffurmata t-triq. B'hekk nevitaw il-periklu għar-residenti li bdew jgħixu f'din il-binja u dawk kollha li jgħaddu minn din it-triq. Din it-talba ntalbet wkoll mill-OPM.

34.10.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn ġibed l-attenzzjoni rigward l-istat li qegħdha fih il-bankina tiegħu. Din l-bankina kienet saret fil-bidu ta' Mejju ta' din is-sena u l-madum qed jinkiser ma kull xita u l-*grouting* ta bejn il madum qed jinqala. Huwa spjega ukoll kif il-wiċċ tal-bankina jindher qisu miżbugħ kollu bic-cement. Il-Kunsill qabel li jerġa jibgħat talba bis-sistema tal-MGOZ.

34.10.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* - MGOZ, rigward ħajt imwaqqa' fi Triq Marziena. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

34.10.12 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System*, sabiex jinbena ħajt tas-sejjiegħ li waqa bil-maltemp fi Triq Mgarr ix-Xini. Is-Sindku qal li dawn qed jiġu rranġati kollha.

34.10.13 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward potholes fi Pjazza Santa Margerita. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System* u li dawn gew rranġati.

34.10.14 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System*, sabiex jinżabru s-siġar fi Triq Marziena, sabiex tal-Enemalta jkunu jistgħu jgħaddu wires u dawl lill-2 bozoz eżistenti li qegħdin mal-entratura tal-ground tal-football minn fejn tidħol u toħroġ l-ambulanza.

34.10.15 Resident li joqgħod fi Triq ix-Xabbata talab li ssir bankina ġdida mar-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

34.10.16 B' referenza għall-ilment numru 44/2021, fuq talba ta' diversi residenti s-Sindku talab li ssir bozza ġdida fi Triq Skerla peress li qed ikun hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel ma dan.

34.10.17 Fuq talba ta' diversi residenti, is-Sindku talab li ssir mera faċċata ta' Triq 28 ta' April u mera oħra faċċata tal-gate tal-iskola fi Triq Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan.

34.10.18 Il-Kunsill irċieva ilmenti rigward ħmieġ li tħalla min kuntrattur fit-triq, waqt li kien għaddej b'xi xogħol f'binja fi Triq Dun Luqa. Il-Kunsill qabel li ma jinħarġux permessi qabel ma dan jiġi mnaddaf.

34.10.19 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta li toqgħod fi Sqaq fi Triq il-Kbira rigward bozza li kienet imdendla u kienet ta periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din l-bozza tranġat u l-periklu tneħħa.

34.10.20 B'referenza għall-ilment numru 45/2021, resident talab li tiġi rranġata ħofra perikoluża fi Triq Durell kantuniera ma Triq Marsilja. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

34.10.21 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Dun Luqa, fejn ilmenta rigward iż-żejt li tħalla fit-triq u l-istat li tħalliet fih l-bankina tar-residenza tiegħu wara xi xogħolijiet li saru fi propjeta' ta' ma ġenbu. Huwa ilmenta li jekk id-dar tiegħu ssofri xi ħsarat minħabba ż-żejt li hemm fit-triq u minħabba l-bankina mkissra huwa ser iżomm lill-Kunsill responsabbli.

34.10.22 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn ilmenta li f'siti ta' kostruzzjoni qrib id-dar tiegħu, il-kuntratturi qed idumu jaħdmu sa wara 4.00p.m. Huwa qal li huwa rraporta lil *Building & Construction Authority*.

34.10.23 Il-Kunsill irċieva ilment rigward mera mkissra fi Triq Saguna faċċata ta' Triq it-Tin. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li ġiet ordnata waħda ġdida.

34.10.24 Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li ġiet ordnata tabella u reflector għal junction ta' Triq Ta' Ċenċ kantuniera ma Triq Dun Luqa.

34.10.25 B'referenza għall-ilment numru 46/2021, residenta li toqgħod fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri talbet li tinbidel l-bankina peress li tiżloq ħafna. Din it-talba ser tintbgħat lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

34.10.26 Resident li toqgħod fi Triq Marsilja qed tilmenta rigward l-għatba li hemm quddiem l-bankina tagħha. Din it-talba ser tintbgħat lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

34.10.27 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq Skerla, fejn issuġeriet li jitpoġġew aktar bins f'din it-triq jew inkella jagħmlu tnejn kbar peress li dak li hemm huwa żgħir. Hija ilmentat li d-dar tagħha qegħdha f'kantuniera, u huma dejjem jippruvaw jipparkjaw l-bogħod kemm jista jkun mill-kantuniera imma ma hemmx *double yellow lines* li jindikaw min fejn dawn jistgħu jipparkjaw. Il-Kunsill qabel li d-double yellow lines isiru

34.10.28 B'referenza għall-ilment numru 47/2021, persuna talbet li jinbena ħajt fi Triq tal-Gruwa dan peress li waqa għal ġo triq li jgħaddu l-bdiewa minnha. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

34.10.29 B'referenza għall-ilment numru 48/2021, resident qed jitlob li ssir bankina ġdida quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Skerla. Il-Kunsill qabel li din it-talba tintbgħat lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

## 34.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 11/2021

34.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 11/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Steven Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

34.11.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li għal nhar il-Ħadd li ġej waqt the President Solidarity Fun Run il-Kunsill għandu jaħseb għal flixkun ilma żgħir għal kull parteċipant, sound system u jittellgħu l-bnadar ta' Malta u tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 34.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

34.12.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.25p.m. u ġiet aġġornata għal nhar 14 ta' Diċembru 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 21 ta' Diċembru, 2021

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |